Qorti ta’ l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 187/09 AE

**Anthony Busuttil**

**Vs**

**Anton Camilleri u A.M. Developments Limited**

L-Erbgħa, 16 ta’ Marzu 2016.

Permezz t’avviż quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-attur talab mingħand il-konvenuta likwidazzjoni u ħlas ta’ danni f’somma li ma teċċedix il-kompetenza ta’ dik il-Qorti minħabba ħsara kkawżata b’negliġenza minnhom bħala sidien tal-fond sottostanti għall-appartament tal-attur.

Il-konvenuti eċċepew li Anton Camilleri mhux leġittimu kontradittur, li fi kwalunkwe każ mhumiex responsabbli għad-danni, u li l-attur ma ħax ħsieb jimminimizza l-istess danni.

B’sentenza tat-30 ta’ Settembru 2013, il-Qorti iddikjarat li Anton Camilleri mhux leġittimu kontradittur, ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra, iddikjarat lis-soċjeta` konvenuta responsabbli għad-danni u llikwidathom fis-somma ta’ €5,700 bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-avviż tat-talba u spejjeż kollha a kariku tas-soċjeta` intimata.

Is-soċjeta` konvenuta appellat mis-sentenza bl-aggravju li:

(i) l-ewwel Qorti mhix kompetenti *rationae valoris*;

(ii) ma kien hemm l-ebda dannu x’jiġi likwidat;

(iii) ma kellux jiġi akkordat imgħax mid-data tal-preżentata tal-avviż promotur fuq ammont mhux likwidu;

(iv) ma kellhiex tbati l-ispejjeż tal-konvenut l-ieħor.

L-attur wieġeb li s-sentenza hija ġusta u l-aggravju huwa infondat.

**<u>L-ewwel aggravju</u>**.

Skond Artiklu 748(a) ta’ Kap 12, il-valur tal-oġġett fil-kawża hu determinat mit-

talba. Fir-rikors promotur l-attur talab li l-qorti tillikwida d-danni f'ammont li ma kienx iktar minn €11,646.87.

L-appellanti qalet li:-

*"Ghalkemm fir-rikors promotur ta' dawn il-proċeduri l-attur appellat illimita l-pretensjoni tiegħu ghall-ammont ta' 11,646.87, huwa ppreżenta affidavit li fih ikkwantifika d-danni li hu allegatament sofra f'ammont li jmur lil hinn mill-kompetenża tal-Qorti tal-Maġistrati"*.

Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2010 id-difensur tal-konvenuti ddikjara li l-qorti kienet qeghda tintalab tqies danni f'ammont li jaqbeż is-somma ta' €17,000, u ghalhekk il-qorti ma kellhiex kompetenza *ratione valoris*. Min-naħa tal-difensur tal-attur wieġeb:-

*"L-Avukat Galea Debono ghall-attur iwieġeb illi l-kompitu tal-Qorti f'din il-kawża huwa li tillikwida ammont ta' danni li jirriżultaw fil-kompetenza tagħħa u li l-ebda eżami tal-provi fuq kwalasiasi ammont b'xi mod ma jfixkel l-istess kompetenza taghha….."*.

Wara dik is-seduta, il-konvenuti ppreżentaw tweġiba ulterjuri fejn invokaw in-nuqqas ta' kompetenża *ratione valoris*.

Il-qorti ma taqbel xejn mal-mod kif irraġuna l-appellat fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2010. Raġunament li jidher li kompla fit-tweġiba ghall-appell meta ddikjara: *"… kull ma kellha tagħmel il-Qorti hawn kien eżerċiżżju sempliċi biex tara jekk kien hemm danni li jwasslu ghas-somma sal-kompetenza tagħħa u xejn iktar. Hi kellha biss tara jekk it-talba ghal somma li ma teċċedix 'l €11,565 kinitx ġustifikata jew le. Sic et simpliciter"* (fol. 19).

B'dak ir-raġunament il-qorti tista' titpoġġa f'sitwazzjoni fejn fir-realta' tikkunsidra b'mod komplessiv somma li teċċedi l-kompetenża tagħħa, u dan irrispettivament tat-talba kif tkun ġiet formulata. Dan qiegħed jingħad fid-dawl ta' dak li qalet din il-qorti fil-kawża **Anthony Zammit vs Joseph Ellul nomine**, deċiża fil-31 ta' Lulju 1996. Għalkemm fil-każ tal-lum ċ-ċirkostanżi huma differenti minn dik il-kawża, fir-realta' l-attur stieden lill-qorti biex tikkunsidra d-danni kollha li qal li sofra, b'dan li finalment tillikwida sa massimu ta' €11,646. Stedina li fil-fehma ta' din il-qorti ma kellhiex tintlaqa'.

Ġialadarba l-attur għażel li jillimita t-talba ghad-danni sas-somma ta' €11,646.87, sabiex ikun jista' jipproponi l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, kellu jidentifika liema huma d-danni li qieghed jippretendi l-hlas tagħħom, u mhux jippretendi li l-qorti tikkunsidra d-danni kollha li sofra, li kienu jeċċedu s-somma massima ta' kompetenża tal-ewwel qorti, u li fir-realta' jfisser li l-qorti tkun qegħda tikkunsidra ammont totali li jeċċedi l-kompetenża *ratione valoris* tagħħa.

F'kull każ pero' l-eċċeżżjoni xorta tfalli ladarba ma kien hemm xejn x'iżomm lill-qorti milli waqt li kienet qegħda tillikwida d-danni, li wara li tkun ikkunsidrat u ddeċidiet dwar dawk il-partiti ta' danni li tal-ewwel jilhqu s-somma ta' €11,646.88, ma tikkunsidrax aktar ammonti oħra ta' danni li jkunu ssemmew mill-attur. F'dan il-każ għalhekk l-ewwel qorti kellha tillimita l-eżerċiżżju fuq it-telf ta' qliegh li l-attur semma fl-ewwel lok bhala d-danni li sofra.

Dan l-aggravju hu għalhekk miċħud.

Ovvjament wara l-emendi li ġew introdotti bl-Att IV tal-2016 (ara Artikolu 741(b) tal-Kap. 12 kif emendata), dan ir-raġunament m'għadux japplika.

**<u>It-tieni aggravju.</u>**

Dan l-aggravju mhu xejn għajr kritika tal-evalwazzjoni tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti, li skont ġurisprudenza kostanti m'għandux jiġi disturbat għajr għal raġunijiet gravi, fosthom li l-ewwel qorti tkun manifestament żbaljata fl-apprezzement li tkun ghamlet. F'dan il-każ, dan ma jirriżultax. Anzi l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjonijiet tagħha skont it-test tal-verosimiljanza u eżerċitat id-diskrezzjoni.

L-appellanti fir-rikors tal-appell, fir-rikostruzzjoni tagħhom tal-provi, ma jippruvaw l-ebda nuqqas bħal dan fis-sentenza li qed jimpunjaw, imma sempliċement jirrikorru għal ri-elaborazzjoni personali tal-fatti: *"Mill-kumplament, il-Qorti tirribadixxi l-affermazzjoni propożittiva illi "mhux suffiċjenti s-sempliċi kritika tad-deċiżjoni sfavorevoli formulata bi prospettazzjoni ta' interpretazjoni diversa u aktar favorevoli minn dik adottata mill-Arbitru. Dan għaliex kritika f'din id-direzzjoni ma tistax ħlief tittraduċi ruħha, in sostanza, għal talba tal-aċċertament ex novo tal-fatti tal-każ u dan, kif ġja` rilevat, hu inammissibbli"* (**Maryanne Scicluna -vs- Dr. Daniela Chetcuti**, Appell, 14.03.2007."[1]

L-argument ewlieni fit-tieni parti tal-aggravju hu li meta l-appellat aċċetta li tinħall il-kirja t-tiswijiet kienu diġa` saru. Pero' dan jekk kellha titwemmen il-verżjoni tal-appellant li jonqos li jirrileva li fl-1 ta' Ottubru 2008, meta allura kien għad hemm l-inkwilini fil-post tal-attur, kien daħal kwantita' ta' ilma fil-fond. Minħabba l-problemi, l-inkwilini ddeċidew li jitterminaw il-kirja b'effett mill-15 ta' Novembru 2008 (fol. 39). Mir-rapport tal-perit Godwin Abela (fol. 41) jirriżulta x'kienet is-sitwazzjoni sal-14 ta' Novembru 2008. Hu evidenti li x-xogħolijiet kollha li jissemmew f'dak ir-rapport ma tlestewx sal-15 ta' Novembru 2008. Dan apparti li jirriżulta li l-problema tal-perkolazzjoni kienet mit-terrazzin sovrastanti, li jifforma parti mill-proprjeta tal-appellanti. F'dan ir-rigward il-perit Abela qal:

*"The undersigned also inspected the overlying terrace and, from remedial works*

[1] Depasquale Lennart v Zammit Saviour - 22.05.2009

*that were being carried out, it was very evident that the existing tiles and grouting had to be completely removed together with the underlay (torba) which was soaked and saturated with water. A new water proofing membrane had to be installed prior to laying of new dry underlay and retiling of the terrace"* (fol. 42).

Il-problema ħolqitha s-socjeta appellanti, li minflok ħadet azzjoni mmedjata baqgħet tkaxkar saqajha ghal tul ta' żmien. F'dan il-kuntest issir per eżempju riferenża għal email tas-17 ta' Novembru 2008 li ntbagħtet lill-attur (fol. 40) li hi xhieda tal-atteġġament negattiv li addottat is-soċjeta konvenuta. Dan kollu fisser telf ta' kera ghall-attur sakemm irnexxielu jerġa' jikrih fl-20 ta' Mejju 2009 (fol. 44). Apparti riparazzjoni minima bil-qlugħ ta' xi ftit madum, ir-riparazzjoni definittiva saret bejn Frar u Marzu 2009. Fil-fatt kien fl-aħħar ta' Marzu 2009 li l-attur rega' poġġa l-appartament fis-suq biex jikrih (ara email datata 28 ta' Marzu 2009 a fol. 43). Mhux verosimili li l-attur kien ser joqgħod itawwal iż-żmien bla bżonn qabel jerġa jpoġġi l-appartament fis-squq biex jinkera. Lanqas hi aċċettabbli t-teżi tas-soċjeta` appellanti li l-appellat ma messux aċċetta li tinħall il-kirja f'każ fejn hu ma kienx f'qagħda li joffri l-paċifiku pussess u reali godiment tal-fond mikri.

**<u>It-tielet aggravju</u>.**

Is-soċjeta konvenuta ssostni lihu prinċipju tad-dritt li *in liquidandis non fit mora*;

*"Il-Qrati taghna segwew il-massima in illiquidis mora non contrahitur nisi culpa debitoris liquidatio differatur (ara s-sentenzi **Vol.XVIII.II.431 ; Vol XIX.I.83 ; Vol. XX.I. 308 ; Vol XXXVI.I.190**). L-applikazzjoni ta` dan il-principju huwa r-regola u l-oppost huwa l-eccezzjoni. (ara s-sentenzi – '**Schembri vs Buhagiar**' – Qorti tal-Appell – 28 ta` Frar 1997 u '**Aquilina vs Mamo noe**' – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001). Tiskatta l-eccezzjoni meta l-likwidazzjoni tkun giet dilazzjonata bi htija tad-debitur (ara Vol.XXXVI.I.181 – 23 ta` Gunju 1952 - Appell Civili – '**Savona pro et noe vs Asphar et**')*

*"Il-principju li ma jghaddux interessi fejn is-sejha ma tkunx wahda ghall-hlas ta` ammont likwidu, cert u determinat japplika wkoll f`sitwazzjonijiet fejn il-kontestazzjoni tad-debitur tirrizulta li tkun wahda valida b`mod li jkun car li d-debitur mhux biss ikun gustifikat li ma jhallasx dak li jkun gie intimat biex ihallas imma wkoll li jkun difficli jekk mhux impossibbli ghalih, li jkun jaf x`hinu minnu dovut minghajr ma ssir investigazzjoni gudizzjarja fil-kawza (ara – '**Sare` vs Sammut**' – Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998)"*[2].

Fis-sentenza **Emanuel Hayman et vs Mary Caruana et**[3], il-Qorti tal-Appell

---

[2] **Edward Amato v Christopher Agius** – 14 ta' Mejju, 2012 Prim'Awla (Imħallef J. Zammit McKeon).

[3] 6 ta' Frar 2015.

(Superjuri) qalet:

*"Fir-rigward tal-imghax mitlub, m'hemmx dubju illi normalment il-Qrati tagħna jimxu mal-prinċipju in illiquidis non fit mora. Madankollu kif ġie espress per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet Citadel Insurance v. Johan Ciantar (Prim'Awla – 20 ta' Gunju 2002) li* ***"meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jibdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dakinhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzzjarju (jekk dan ikun sar)*** *u mhix minn dakinhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont"* (enfażi miżjuda).

Il-qorti tosserva:-

i. Sa mill-bidunett tal-proċess, is-soċjeta konvenuta kienet qegħda ssostni li l-ebda ħlas ma kien dovut lill-attur;
ii. Fl-affidavit li ppreżenta fit-30 ta' Gunju 2009, l-attur kien iddikjara x'kien il-kera li tilef. Is-soċjeta konvenuta baqghet iżżomm ferm il-posiżżjoni, ċjoe' li ma kinitx responsabbli. Qatt m'ammettiet li hi responsabbli u li ma ħallsitx għaliex ma kinitx taf kemm kien l-ammont li kellu jitħallas;
iii. Kien hemm ċertu ħela ta' żmien li l-qorti tattribwih lis-socjeta konvenuta. Hekk per eżempju meta tressqu provi dwar jekk l-appartament kienx kopert minn permess biex ikun jista' jinkera (seduta tad-29 ta' April 2013). Dan meta ma kienx hemm eċċezzjoni f'dak is-sens. Kien hemm ukoll okkażżjonijiet meta l-konvenuta ma ressqitx provi.

Għalhekk mit-30 ta' Ġunju 2009 is-soċjeta konvenuta kellha tagħrif li kien ipoġġiha f'sitwazzjoni li tkun taf x'kienu d-danni. Min-naħa tagħħa kompliet taddotta l-fehma li xejn ma kien dovut għaliex kienet qegħda ssostni li ma kinitx responsabbli ghad-danni. Taf jew ma tafx x'kienet is-somma, xorta ma kinitx ser tħallas għaliex ikkontestat ir-responsabbilta mill-bidunett tal-proċess.

Fiċ-ċirkostanzi, l-imgħax hu dovut mit-30 ta' Gunju 2009.

## __Ir-raba' aggravju__.

Irrispettivament ta' dak li qal l-appellat, jibqa' 'l fatt li l-ewwel qorti illiberat lill-konvenut Anthony Camilleri mill-osservanża tal-ġudiżżju. 'Il fatt li l-qorti laqgħet l-ewwel eċċeżżjoni tal-konvenut Anton Camilleri, ifisser li dan il-konvenut ma kellux jitħarrek. Ghaldaqstant, l-attur ghandu jagħmel tajjeb ghall-ispejjeż tiegħu u mhux is-soċjeta konvenuta.

Għaldaqstant din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi l-imgħax fuq is-somma ta' €5,700 li s-soċjeta` appellanti ġiet

ikkundannata li tħallas jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti u ċjoe`mit-30 ta' Settembru 2013 filwaqt li l-ispejjeż tal-konvenut Anton Camilleri ibatihom l-attur.

**Ghal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell billi tilqa' parżjalment l-aggravji tas-soċjeta konvenuta u tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti b'dan il-mod:**

1. **L-imgħax għandu jithallas mit-30 ta' Gunju 2009 sad-data tal-ħlas;**
2. **L-ispejjeż tal-konvenut Anthony Camilleri ghandu jagħmel tajjeb għalihom l-attur.**

**Għal kumplament tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti. Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 92% a karigu tas-socjeta konvenuta (appellant) u 8% a karigu tal-attur**.

Anthony Ellul.